

Brussell, 18 ta' Ġunju 2019
(OR. en)

8974/19

Fajl Interistituzzjonali:
2019/0076 (NLE)

PECHE 226

ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-konklużjoni tal-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Gambja u tal-Protokoll dwar l-implimentazzjoni ta' dak il-Ftehim ta' Sħubija

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2019/...

ta' ...

**dwar il-konklużjoni tal-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli
bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Gambja
u tal-Protokoll dwar l-implimentazzjoni ta' dak il-Ftehim ta' Sħubija**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 43 flimkien mal-punt (a)(v) tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 218(6) u mal-Artikolu 218(7) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew¹,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni mill-Kummissjoni u d-deċiżjoni tal-Kunsill li awtorizzat il-ftuħ tan-negozjati,

¹ Approvazzjoni ta' ... (għadha mhijiex ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).

Billi:

- (1) F'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/...¹⁺, il-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Gambja (“il-Ftehim ta' Sħubija”) u l-Protokoll dwar l-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Sħubija (“il-Protokoll”) ġew iffirmati fil-...⁺⁺, suġġett għall-konklużjoni tagħhom f' data iktar tard.
- (2) Il-Ftehim ta' Sħubija jħassar il-Ftehim bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u l-Gvern tar-Repubblika tal-Gambja dwar sajd 'il barra mill-Gambja², li kien daħal fis-seħħ fit-2 ta' Ġunju 1987.
- (3) Il-Ftehim ta' Sħubija u l-Protokoll bdew japplikaw b'mod provviżorju mid-data tal-iffirmar tagħhom.
- (4) Jenħtieġ li l-Ftehim ta' Sħubija u l-Protokoll jiġu approvati.

¹ Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/... ta' ...dwar l-iffirmar, f' isem l-Unjoni, u l-applikazzjoni provviżorja tal-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Gambja u tal-Protokoll dwar l-implimentazzjoni ta' dak il-Ftehim ta' Sħubija (ĠU L ..., ..., p. ...).

⁺ ĠU: daħħal in-numru serjali tad-Deċiżjoni tal-Kunsill li tinsab fid-dokument ST 8970/19 u imla n-nota korrispondenti f'qiegħ il-paġna.

⁺⁺ ĠU: daħħal id-data tal-iffirmar tal-Ftehim ta' Sħubija li jinsab fid-dokument ST 8984/19 u tal-Protokoll li jinsab fid-dokument ST 9949/19.

² ĠU L 146, 6.6.1987, p. 3.

- (5) L-Artikolu 9 tal-Ftehim ta' Sħubija jistabilixxi l-Kumitat Konġunt li huwa responsabbli għall-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tiegħu. Taħt dak l-Artikolu u l-Artikoli 5, 6 u 8 tal-Protokoll, il-Kumitat Konġunt jista' jadotta modifiki fil-Protokoll. Sabiex tiġi ffaċilitata l-approvazzjoni ta' tali emendi, jenħtieġ li l-Kummissjoni tkun awtorizzata, suġġett għal kondizzjonijiet sostantivi u proċedurali speċifiċi, tapprovahom f'isem l-Unjoni taħt proċedura simplifikata.
- (6) Jenħtieġ li l-pożizzjoni tal-Unjoni dwar il-modifiki għall-Protokoll tiġi stabbilita mill-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri (Coreper). Il-modifiki proposti jkunu aċċettati dment li għadd ta' Stati Membri ekwivalenti għal minoranza li timblokka skont l-Artikolu 16(4) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE) ma joġġezzjonawx fil-Coreper.
- (7) Il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata mill-Unjoni fil-Kumitat Konġunt dwar kwistjonijiet oħra jenħtieġ li tiġi ddeterminata skont it-Trattati u l-forom stabbiliti ta' prattika,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Gambja u l-Protokoll dwar l-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Gambja huma b'dan approvati fisem l-Unjoni¹⁺.

Artikolu 2

Il-Kummissjoni hija awtorizzata tapprova, fisem l-Unjoni, f'konformità mal-proċedura stabbilita fl-Anness għal din id-Deċiżjoni, il-modifiki għall-Protokoll li għandhom jiġu adottati mill-Kumitat Konġunt stabbilit taħt l-Artikolu 9 tal-Ftehim ta' Sħubija.

Artikolu 3

Il-President tal-Kunsill għandu, fisem l-Unjoni, jagħti n-notifika prevista fl-Artikolu 18 tal-Ftehim ta' Sħubija u fl-Artikolu 16 tal-Protokoll.

¹ It-testi tal-Ftehim ta' Sħubija u tal-Protokoll ġew ippubblikati fil-ĠU L ..., p ..., flimkien mad-Deċiżjoni dwar l-iffirmar.

⁺ ĠU: daħħal ir-referenza għall-ĠU fin-nota ta' qiegħ il-paġna.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill

Il-President

ANNEX

Proċedura għall-approvazzjoni tal-modifiki għall-Protokoll li għandhom
jiġu adottati mill-Kumitat Konġunt

Fejn ikun meħtieġ mill-Kumitat Konġunt li jadotta l-modifiki għall-Protokoll f'konformità mal-Artikoli 5, 6 u 8 tal-Protokoll, il-Kummissjoni għandha tkun awtorizzata tapprova l-modifiki proposti fisem l-Unjoni, taħt il-kondizzjonijiet li ġejjin:

- (1) Il-Kummissjoni għandha tiżgura li l-approvazzjoni fisem l-Unjoni:
 - (a) tkun konformi mal-objettivi tal-politika komuni tas-sajd;
 - (b) tkun konsistenti mar-regoli rilevanti adottati minn organizzazzjonijiet reġjonali għall-ġestjoni tas-sajd u tqis il-ġestjoni konġunta mill-Istati kostali;
 - (c) tqis l-aħħar informazzjoni statistika, bijoloġika u dwar aspetti rilevanti oħra mibgħuta lill-Kummissjoni.
- (2) Qabel ma l-Kummissjoni tapprova modifiki proposti fisem l-Unjoni, il-Kummissjoni għandha tressaqhom quddiem il-Kunsill suffiċjentement minn qabel.
- (3) Il-konformità tal-modifiki proposti mal-kriterji stabbiliti fil-punt (1) ta' dan l-Anness ser tiġi vvalutata mill-Coreper.

- (4) Dment li għadd ta' Stati Membri ekwivalenti għal minoranza li timblokka fil-Kunsill skont l-Artikolu 16(4) TUE ma joġġezzjonawx għall-modifiki proposti, il-Kummissjoni għandha tapprovahom f'isem l-Unjoni. Jekk ikun hemm tali minoranza li timblokka, il-Kummissjoni għandha tiċħad il-modifiki proposti f'isem l-Unjoni.
- (5) Jekk, waqt laqgħat sussegwenti mal-Gambja, inklużi laqgħat fuq il-post, ma jkunx jista' jintlaħaq qbil, il-kwistjoni għandha terġa' tintbagħat lill-Kunsill, skont il-proċedura prevista fil-punti (2) sa (4), sabiex il-pożizzjoni tal-Unjoni tkun tista' tqis elementi ġodda.
- (6) Il-Kummissjoni hija mistiedna biex, fi żmien debitu, tiegħu kwalunkwe pass meħtieġ bħala segwitu għad-deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt, inklużi, fejn xieraq, il-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni rilevanti f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u l-preżentazzjoni ta' kwalunkwe proposta meħtieġa għall-implimentazzjoni ta' dik id-deċiżjoni.
- (7) Fir-rigward ta' kwistjonijiet li ma jikkonċernawx modifiki fil-Protokoll skont l-Artikoli 5, 6 jew 8 tiegħu, il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata mill-Unjoni fil-Kumitat Konġunt għandha tiġi ddeterminata skont it-Trattati u l-forom stabbiliti ta' prattika.
